# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-3 ta' Novembru 2021**

**Rikors Numru : 182/2021JPG**

**Kawza Numru : 17**

**GD**

**vs**

**MD**

## Il-Qorti;

Rat ir-rikors ta' GD, datat 10 ta' Mejju 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet iżżewġu nhar l-4 ta' Novembru 1995; nhar it-23 ta' Dicembru 2008 gew awtorizzati jisseparaw (Dok GD 1) u sseparaw permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Debono tal-24 ta' Frar 2009 (Dok GD2, Nota 1432/08, Digriet Nru 2216/08);*

2. *Illi minn dak inhar qatt ma sehhet l-ebda rikonciljazzjoni, u ma hemm l-ebda possibilita' li ssehh;*

3. *Illi l-partijiet ilhom fattwalment u legalment separati iktar minn erba' snin, irrinunzjaw reciprokament ghal kull dritt ghal manteniment, ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment pendenti, u ghalhekk jissussistu r-rekwiziti kollha fil-ligi sabiex tinghata sentenza ta' divorzju;*

*Għaldaqstant, l-esponent jitlob umilment sabiex dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara l-hall ta' l-imsemmi zwieg bejn il-partijiet permezz ta' divorzju, u li jigi nnotifikat b'dan id-Direttur tar-Registru Pubbliku skont il-ligi.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' MD datata 2 t'Awwissu 2021 (Vide Fol 12) li taqra hekk:

1. *Illi l-esponenti giet innotifikata bl-atti tar-rikors fl-ismijiet premessi;*
2. *Illi l-esponenti tirrileva li ma ghandha l-ebda oggezzjoni ghal dina t-talba;*
3. *Illi l-kundizzjonijiet tal-kuntratt tas-separazzjoni ma jistghux jigu varjati hekk jif jidher mill-att ippublikat fl-atti tan-Nutar Joseph Debono datat erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar tas-sena elfejn u disgha (2009) liema kuntratt gie pprezentat mar-rikors promotur;*
4. *Illi ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;*
5. *Illi l-esponenti titlob lil dina Onorabbli Qorti illi hija ma tbaghtix l-ispejjez ta' dawna l-proceduri.*

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**GD xehed (vide affidavit fol 2)** illi huwa zzewweg lill-intimata nhar l-4 ta' Novembru 1995 u li minn dan iz-zwieg kellhom tifel wiehed, AD li twieled fis-16 t'April 1997. Xehed illi fis-sena 2000 wara incident gravi li kellu, ir-relazzjoni tfarrket u fil-fatt isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Debono datat 24 ta' Frar 2009. Iddikjara li fl-istess kuntratt irrinunzjaw ghal kull dritt ghal manteniment fil-konfront ta' xulxin u kien hemm manteniment tat-tifel li llum huwa maggorenni u jahdem bhala suldat u li ma hemm ebda arretrati ta' manteniment jew pretensjonijiet ohra bejn il-partijiet. Jiddikjara wkoll li jixtieq li tinghata s-sentenza ta' divorzju biex iz-zwieg jinhall.

**MD xehdet (Vide affidavit fol 12)** li hija giet notifikata bl-atti tar-rikors fl-ismijiet premessi; Hija tirrileva li ma ghandha ebda oggezzjoni ghal din it-talba; Il-kundizzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni ma jistghux jigu varjati; Iddikjarat ukoll li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u li hija ma ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dawna l-proceduri.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***(… omissis)***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-4 ta' Novembru 1995, liema zwieg jgib c-certifikat numru 1960/1995 (vide Dok GD 3, certifikat taz-zwieg, a fol 10) u li minn dan iz-zwieg twieled tifel, li llum huwa maggorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali nhar l-24 ta' Frar 2009 fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Debono (vide Dok GD 2, a fol 4 et seqq.) Ghalhekk, jirrizulta illi l-partijiet ilhom legalment separati ghal aktar zmien minn dak rikjest mil-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement pprovat li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Di piu', ma jirrizultax li hemm arretrati ta' manteniment dovut.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet issodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 1960/1995 u tordna lir-**

**Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna spejjes jibqghu bla taxxa bejn l-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**